MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 266/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Vella tali f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Marzu 1997

**(1)** kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina, f'cirkostanzi tali li juru li d-droga misjuba ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
**(2)** fl-istess zmien u cirkostanzi forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina bi ksur tal-ligi;

**(3)** kif ukoll talli sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'sentenza simili mghotija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-29 ta' April, 1996 (Awla 9);

L-ewwel qorti kienet mitluba li barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533(1) tal-imsemmi Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Raymond Vella mhux hati skond it-tieni imputazzjoni (ta' traffikar) u lliberatu minn dik l-imputazzjoni, izda sabitu hati skond iz-zewg imputazzjonijiet l-ohra u kkundannatu ghall-piena ta' priguenrija ghal zmien sentejn u sitt xhur kif ukoll multa ta' hames mitt lira (Lm500);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Raymond Vella, minnu ppresentat fit-18 ta' Ottubru, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza n-nota ta' l-Avukat Generali tas-17 ta' Frar, 2003; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' l-14 ta' Frar, 2003; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-proceduri li ntemmu bis-sentenza appellata kienu nulli, u dan peress li filwaqt li l-ewwel imputazzjoni kienet originarjament tipotizza r-reat ta' pussess "semplici", b'zieda mitluba mill-prosekuzzjoni, u debitament milqugha mill-ewwel qorti, fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 1999, din giet tipotizza r-reat ta' pussess "aggravat". Effettivament jirrizulta li fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 1999 – u ghalhekk kwazi sena w sitt xhur wara li Vella tressaq il-qorti – il-prosekuzzjoni (immexxija mill-Pulizija Ezekuttiva) talbet li fi tmiem l-ewwel imputazzjoni jizdiedu l-kliem "f'cirkostanzi tali li juru li d-droga misjuba ma kienitx ghall-uzu eskulssiv tieghu". Skond l-appellant il-"kunsens" ta' l-Avukat Generali tas-17 ta' Gunju, 1997 kien jirrigwarda biss, ghal dik li hi l-ewwel imputazzjoni, ir-reat ta' pussess "semplici", u wara z-zieda mitluba mill-Pulizija u akkordata mill-Qorti tal-Magistrati

"…ma ngieb ebda 'kunsens' mill-Avukat Generali dwar kif u fejn l-esponent ghandu jigi processat ghal din l-akkuza [gdida]".

Dan l-aggravju, ghalkemm apparent wiehed ingenjuz, huwa infondat. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, kollegjalment komposta, fis-sentenza taghha tal-5 ta' Frar, 1996 fil-kawza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. George Mifsud***, il-Pulizija Ezekuttiva m'ghandhiex bzonn xi kunsens jew awtorizzazzjoni da parti ta' l-Avukat Generali biex tibda proceduri kriminali kontra xi persuna akkuzata b'reat taht il-Kap. 101, jew biex tressqu (b'arrest jew b'citazzjoni) quddiem il-Qorti tal-Magistrati. L-ordni ta' l-Avukat Generali moghti taht l-Artkolu 22(2) tal-Kap. 101 hu mehtieg biss sabiex jigi deciz jekk il-proceduri ghandhomx jiehdu l-forma ta' "kumpilazzjoni" (bil-Qorti tal-Magistrati allura fil-attribuzzjoni taghha ta' Qorti Istruttorja) jew ta' "kawza sommarja" (b'dik il-Qorti fl-attribuzzjoni taghha ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali). F'dan il-kaz, l-Avukat Generali, bl-ordni tieghu datat 17 ta' Gunju, 1997, kien ordna li Raymond Vella jitressaq akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Huwa veru li meta nghata dak l-ordni, l-ewwel imputazzjoni li kienet qed tikkontempla l-Pulizija Ezekuttiva kontra Vella kienet tipotizza biss ir-reat ta' pussess hekk imsejjah "semplici"; pero` galadarba dak l-ordni nghata mill-Avukat Generali u l-kawza kontra l-imputat bdiet tinstema' mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, dak l-ordni ghal dik il-kawza kien wiehed irrevokabbli (kuntrarjament ghal dak li seta' gara kieku l-ordni orginarjament kien li l-kaz kellu jigi deciz mill-Qorti Kriminali – ara l-Artikolu 31 tal-Kap. 101). Konsegwentement jekk f'dik il-kawza kellhom jinbidlu xi akkuzi (b'tibdil fl-imputazzjonijiet), jew addirittura jizdiedu xi akkuzi (b'imputazzjonijiet godda), il-kaz kellu jibqa' xorta wahda jinstema' mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. S'intendi, jekk ikun hemm fatt gdid, kompletament differenti minn xi fatt ga ipotizzat f'xi wahda mill-imputazzjonijiet, kienet tista' tinbeda kawza ohra[1], u l-Avukat Generali kien ikollu jiehu decizjoni ohra u johrog

[1] Ara b'analogija l-Artikoli 435(3) u 527 tal-Kodici Kriminali.

ordni iehor fir-rigward ta' dik il-kawza l-gdida. Fil-kaz in dizamina, pero`, b'ebda mod ma tista' tigi ravvizata xi nullita` minhabba s-semplici fatt li l-Pulizija Ezekuttiva "biddlet" l-akkuza ta' pussess "semplici" ghal wahda ta' pussess "aggravat" <u>wara</u> li kien diga nghata l-ordni mill-Avukat Generali li l-kawza kellha tkun wahda sommarja; jekk il-Pulizija Ezekuttiva b'xi mod naqset milli ggib il-fatti kollha li kienet taf bihom a konjizzjoni ta' l-Avukat Generali meta dan gie biex johrog l-ordni skond l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101, l-Avukat Generali ghandu l-mezzi amministrativi kif jista' jiccensura lill-Pulizija Ezekuttiva, pero` certament ma jistax jinghad li biz-zieda mitluba u akkordata fid-9 ta' Frar, 1999 gara xi haga li jwassal ghan-nullita` tal-proceduri kif qed jippretendi l-appellant. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju hu, bazikament, fis-sens li l-ewwel qorti iddecidiet hazin meta sabet lill-appellant hati ta' pussess "aggravat". Kif inhu risaput din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti jekk tkun tal-fehma li dik il-qorti, a bazi tal-provi li kellha quddiemha, setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti, wara li ezaminat id-deposizzjonijiet kollha – inkluza d-deposizzjoni in kontro-ezami ta' P.S. 719 John Portelli, kontro-ezami maghmul <u>kwazi hames snin wara li dana x-xhud kien iddepona l-ewwel darba</u> – hi tal-fehma li ma hemm ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti. Konsegwentement anke dana l-aggravju qed jigi respint.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena. Hawnhekk ukoll din il-Qorti ma tara li hemm ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Il-Qorti tordna li d-droga ezbita f'din il-kawza tigi distrutta mir-Registratur mhux aktar tard minn gimghatejn mill-lum.

Ir-Registratur ghandu jinserixxi fl-atti ta’ din il-kawza *proces-verbal* bid-dettalji tad-distruzzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------